MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 4/2005

**Rene` Savona Ventura**

**vs**

**Crosscraft Ltd. - Clyde Farrugia Vella**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Awissu, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Jannar 2005 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti replacement ta' saqaf ta' caravan li gralu l-hsara waqt maltempata tas-silg.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kien xtara caravan minghand id-ditta ntimata u wara li halliha barra fix-xahar ta' Settembru u kien hemm maltempata tas-silg, ghamlitlu hsara fis-saqaf. Ir-Rikorrenti ssottometta wkoll li l-hxuna ta' l-aluminium kienet ta' punt hamsa u dak li gara kien gej jew minn difett tal-materjal jew nuqqas ta' hxuna fl-aluminium.

2. L-intimat issottometta li l-caravan hija accettata mill-E.U. bhala standard u ma jaghti ebda garanzija. Di piu r-Rikorrenti messu ghattiha.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli stante li punt hamsa hxuna ta' l-aluminium huwa ftit wisq. It-Tribunal anke jemmen lir-Rikorrenti meta qal li caravans b'saqaf ta' hxuna ahjar ma gralhomx daqshekk hsara.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' it-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

L-aggravji sottomessi mill-konvenuti fl-appell taghhom kontra s-sentenza tat-Tribunal huma cirkoskritti ghal zewg kwestjonijiet. Il-wahda li, gjaladarba l-appellant Clyde Farrugia Vella personalment ma kellu ebda relazzjoni negozjali ma' l-appellat, dan messu gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ohra l-appellanti jikkontendu li gie lez lilhom id-dritt ta' gustizzja naturali "*audi alteram*

*partem*” billi ma thallewx jipproducu prova xjentifika dwar is-sahha tal-materjal li bih kien kompost il-caravan vendut lill-appellat. Dan bl-iskop li jikkontraddicu l-allegazzjoni li l-caravan kien wiehed difettux u/jew ta’ kwalita` nferjuri. Huma, imbaghad, jilmentaw ukoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni raggunta mit-Tribunal;

L-appellanti ghandhom ragun f’ dak li jsostnu bl-ewwel aggravju. Kien manifest mill-istess att promotur prezentat mill-appellat illi una volta, kif ammess minnu, il-caravan inxtara minghand is-socjeta` appellanti, in-negozju guridiku li twieldet minn din il-kontrattazzjoni kien biss ma’ din is-socjeta` u mhux ukoll personalment mad-direttur taghha. Fejn ma taqbelx il-Qorti huwa mar-rimedju procedurali suggerit mill-appellanti. Dan ghaliex, kif ritenut, “*la liberatoria dall’ osservanza del giudizio si accorda come massima nei casi di mancato ottemperamento alle disposizioni della legge riguardante propriamente il rito che deve accompagnare la proposizione e la condotta della lite, come sarebbero i difetti nella citazione, nella malleveria per le spese, la non comparizione dell’ attore, e simili; ma, come sentenzio questa Corte in re Grech utrinque l’ otto febbraio 1878 (**Collezz., Vol. VIII Pagina 443)**, quando l’ attore non prova nel merito, il reo convenuto secondo la legge deve essere assolto in un modo definitivo ed anche finale, e non gia per via di una sentenza liberatoria dall’ osservanza del giudizio*”. (**Kollez. Vol. XXVII P I p 972**). Similment, gie suggerit fis-sentenza “**Catherine Farrugia -vs- Paul Farrugia**”, Appell, 28 ta’ Jannar, 2000. Jitnissel minn dan li fuq il-bazi ta’ dak premess fit-talba ta’ l-appellat u tal-provi t-Tribunal messu ghadda biex jassolvi ghal kollox lill-appellanti Clyde Farrugia Vella. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi akkolt;

Ir-*ratio decidendi* centrali tas-sentenza hawn impunjata hi mit-Tribunal koncepita fis-sens li l-versjoni ta’ l-appellat “kienet aktar kredibbli ghaliex punt hamsa hxuna ta’ l-aluminium huwa ftit wisq”. Hu proprju dan ir-ragunament li l-appellanti qeghdin jikkontestaw bit-tieni aggravju;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi d-dritt ta’ appell lil din il-Qorti huwa ristrett, ex-Artikolu 22 (2) tal-Kapitolu 378, ghall-kaz fejn it-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b’ mod gravi l-jeddijiet ta’ min jappella. Ghall-appellanti, il-vjolazzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali jikkonsisti fil-fatt li t-Tribunal ma ppermettilhomx itellghu prova xjentifika dwar is-solidita` tal-materjal uzat fil-caravan, u, dippju, it-Tribunal ma kienx espert la ta’ l-aluminium adoperat u lanqas tal-caravans. B’ dawn is-sottomissjonijiet taghhom l-appellanti donnhom qeghdin jissuggerixxu li huma ma nghatawx l-opportunita` li jipproducu l-provi kollha rilevanti in sostenn tad-difiza taghhom u dan allura ppregudika b’ mod serju l-jeddijiet taghhom;

Jigi notat qabel xejn illi mill-atti quddiem it-Tribunal ma jirrizulta ebda verbal ta’ xi rikjesta da parti ta’ l-appellanti tal-prova xjentifika li xtaqu jaghmlu jew tac-cahda mit-Tribunal ta’ tali rikjesta. F’ dan il-kuntest ma hemm allura xejn x’ jindika fl-atti processwali li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali ghal dik ir-raguni. Jokkorri allura li din il-Qorti tizamina jekk id-decizjoni moghtija kienetx tali li tippregudika b’ mod gravi l-jeddijiet ta’ l-appellanti;

Hu espressament provvdut bl-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att XXVIII ta’ l-1994 illi t-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kaz quddiemu “skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`”. Kriterji dawn rizervati ukoll lil din il-Qorti ta’ revizjoni f’ kaz li ssib li l-appell ikun fondat u gustifikat [Artikolu 22 (2)];

Issa l-appellanti jiccensuraw lit-Tribunal talli dan ghamel valutazzjoni tal-provi minghajr assistenza xjentifika tal-materja. Dwar dan ghandu jigi rilevat illi a norma ta’ l-Artikolu 23 (1) ta’ l-Att huwa moghti lill-Arbitru l-fakolta li jirregola l-procedimenti quddiemu bil-mod li jahseb li jkun xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami

tal-gustizzja naturali. Huwa mbaghad *inter alia*, tenut li jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom [subinciz (2) (c) ta' l-Artikolu 23];

Jikkonsegwi minn dawn id-disposizzjonijiet illi hu mholli fil-gudizzju ta' l-Arbitru dwar kif dan ghandu jmexxi l-kaz quddiem u jippresta wkoll l-apprezzament tieghu tal-fatti anke minghajr il-htiega ta' opinjoni minn persuna teknikament kwalifikata. Maghdud dan, fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, u ghal fini li tintaghmel dik il-gustizzja li jippreciza l-provvediment tal-ligi suddett, il-kaz in ezami kien certament wiehed, anke minhabba l-indoli purament teknika tal-materja agitata, illi kien jirrikjedi l-assistenza ta' konoxxitur tekniku. Jekk xejn, biex minimament jistabbilixxi, anke fid-dawl tal-provi kontrastanti, jekk tabilhaqq il-punt hamsa hxuna ta' l-aluminium kienx tassew ftit wisq biex jilqa' ghall-event ta' l-impatt mis-silg fuq il-caravan. Intqal fis-sentenza "**Carmen Borg (Abela) -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning)**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998, anke jekk f' din il-kawza jkollu jinghad li gew erronjament applikati principji inerenti ghall-Att V ta' l-1995 u mhux dawk ta' l-Att *de quo*, illi l-hatra ta' espert tekniku tista' tkun indikattiva "jekk il-fatti tal-kawza jkunu tali li ma jkunx jista', bl-apprezzament tal-bniedem komuni u fil-limiti tal-konoxxenza ta' materja teknika li jista' jkollu l-bniedem ordinarju jasal biex jifforma opinjoni fuq bazi ta' ekwita` dwar il-gustizzja tat-talba ta' l-applikant". Ma jista' jezisti ebda dubju li l-gustizzja sostantiva li jsemmi l-Artikolu 21 (1) ta' l-Att *de quo* dan kienet tizigih ukoll. Dan ghaliex dan il-kriterju u dak l-iehor ta' l-ekwita` jipprospettaw apprezzament gust tal-fatti provati. L-espressjoni ta' opinjoni fuq il-kredibilita` tal-versjoni ta' l-appellat kellu jkollha fil-minimu s-sostenn u l-konvalidita` ta' opinjoni teknikament esperta". Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tara li l-appell b' dan l-aggravju hu sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh fil-kapi devoluti lil din il-Qorti u ghalhekk thassar u tirrevoka s-

sentenza appellata. Il-kawza qeghda tigi differita ghall-5 ta' April 2006 biex hemm tappunta espert tekniku in materja u wara tghaddi ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-kawza skond kif preskritt bl-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------